



Brussell, id-9 ta' Diċembru 2020
REV3 – jissostitwixxi l-avviż
(REV2) bid-data tal-15 ta' Ġunju¹

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (VAT) GĦAS-SERVIZZI

Werrej

INTRODUZZJONI.....	2
A. SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI.....	4
1. IR-REGOLI TAL-VAT DWAR IL-VAT GĦALL-PROVVISTI TRANSFRONTIERA TAS-SERVIZZI.....	4
1.1. Regoli ġenerali.....	4
1.2. Mini One-Stop Shop (MOSS).....	5
2. RIFUŻJONIJIET TAL-VAT.....	6
B. DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI FIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ.....	7
1. PROVVISTA TA' SERVIZZI.....	7
2. TALBIET GĦAL RIFUŻJONIJIET MARBUTA MAL-VAT IMĦALLSA QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI.....	8

¹ REV3 jenfasizza l-limiti ta' żmien għat-talbiet għar-rifużjoni stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, u jirrifletti l-fatt li l-applikazzjoni dwar ir-regoli l-ġodda għall-“One Stop Shop” fl-UE ġie pospost għal Lulju 2021.

INTRODUZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"². Il-Ftehim dwar il-Ħruġ³ jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa din id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit qed jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk isirx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteciġazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁵, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt)⁶.

² Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

³ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

⁶ Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-regoli tal-UE dwar il-VAT japplikaw għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq (l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 1 tal-Anness 3 ta' dan il-Protokoll). **Tranżazzjonijiet li jinvolvu servizzi mhumiex koperti mill-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.**

Il-partijiet ikkonċernati joqogħdu partikolarment attenti għall-konsegwenzi li ġejjin: (i) Persuni taxxabli stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq ma jkunux jistgħu jużaw l-iskema speċjali biex jiddikjaraw u jħallu l-VAT dovuta fl-UE fuq il-provvista B2C tas-servizzi tagħhom (l-"iskema tal-Unjoni" tal-MOSS). Minflok, dawn ikollhom ibiddu l-identifikazzjoni tal-MOSS tagħhom għall-"iskema mhux tal-Unjoni" sakemm ma jkunux ukoll stabbiliti f'wieħed mill-Istati Membri (ara l-punt A.1.2 ta' dan l-Avviż); (ii) Persuni taxxabli stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq, li mhumiex stabbiliti wkoll f'wieħed mill-Istati Membri, ikollhom jitolbu rifużjoni tal-VAT imħallsa fi Stat Membru fuq l-akkwisti tas-servizzi skont il-kundizzjonijiet previsti fit-Tlettax-il Direttiva tal-Kunsill 86/560/KEE (ara l-punt A.2 ta' dan l-Avviż).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jindirizzaw il-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-Avviż, il-partijiet ikkonċernati huma rrakkomandati b'mod partikolari li:

- meta jkunu stabbiliti fl-UE, jiffamiljarizzaw ruħhom mar-regoli applikabbli għas-servizzi pprovduti u riċevuti minn pajjiżi terzi/territorji;
- meta jkunu stabbiliti fir-Renju Unit, jeżaminaw jekk ir-regoli l-ġodda dwar l-obbligazzjonijiet japplikawx għalihom fir-rigward tas-servizzi tagħhom li jipprovdu fl-UE;
- jieħdu l-passi meħtieġa fir-rigward tas-servizzi koperti mill-Mini One Stop Shop⁷;
- joqogħdu attenti għat-tibdil fil-proċeduri ta' talba ta' rifiżjoni tal-VAT u
- jippreżentaw l-applikazzjonijiet elettroniċi tagħhom għar-rifiżjoni għall-VAT li tħallas qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fir-Renju Unit (jew fi Stat Membru għan-negozjanti tar-Renju Unit) mhux aktar tard mill-**31 ta' Marzu 2021** (ara hawn taħt għal aktar dettalji).

Innota:

Dan l-Avviż ma jindirizzax:

- ir-regoli tal-UE dwar il-VAT għat-trattament tal-oġġetti⁸;
- Il-leġiżlazzjoni tal-UE (għajr il-leġiżlazzjoni tal-VAT) għall-provvista transfruntiera ta' ċerti servizzi, bħas-servizzi diġitali, is-servizzi kreattivi, jew is-servizzi tan-negozju.

Għal dawn l-aspetti, qed jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħra⁹.

Ta' min jinnota li l-iskop ta' dan l-Avviż huwa li tingħata spjegazzjoni ġenerali tal-konsegwenzi ewlenin tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar ir-regoli tal-UE dwar il-VAT applikabbli għas-servizzi b'rabta mar-Renju Unit. Mhuwiex maħsub biex jispjega fid-dettall kull regola speċifika tal-VAT, b'mod partikolari l-iskemi speċjali li se jidħlu fis-

⁷ https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/telecommunications-broadcasting-electronic-services/

⁸ Ġie ppubblikat avviż separat dwar it-trattament tal-VAT għall-oġġetti. Ara: https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt.

⁹ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

seħħ fl-2021 għas-servizzi¹⁰. Fis-sit web tal-Kummissjoni dwar it-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali hemm disponibbli informazzjoni ġenerali¹¹.

A. SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-VAT għas-servizzi¹² ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fih. B'mod partikolari, dan għandu l-konsegwenzi li ġejjin f'dak li jirrigwarda t-trattament ta' tranżazzjonijiet taxxabli fis-servizzi (ara l-punt 1 iktar 'l isfel) u r-rifużjonijiet tal-VAT (ara l-punt 2 iktar 'l isfel):

1. IR-REGOLI TAL-VAT DWAR IL-VAT GĦALL-PROVVISTI TRANSFRONTIERA TAS-SERVIZZI

1.1. Regoli ġenerali

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT tippredvi sistemi differenti tal-VAT għall-provvisti transfrontiera tas-servizzi bejn l-Istati Membri u mal-pajjiżi terzi/territorji. Il-post fejn jiġu pprovduti s-servizzi jiddependi minn diversi fatturi, bħan-natura tas-servizz, jekk il-persuna li tirċievi s-servizz hije persuna taxxabli, il-post fejn attwalment jingħata s-servizz, eċċ.

Il-ħruġ tar-Renju Unit ifisser li l-mod kif ir-regoli japplikaw għall-persuni taxxabli stabbiliti fir-Renju Unit li jipprovdut s-servizzi fl-UE u fuq il-persuni taxxabli stabbiliti fl-UE li jipprovdut servizzi fir-Renju Unit jinbidel wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Id-Direttiva tal-VAT tiddetermina, permezz tar-regoli tal-“post tal-provvista tas-servizzi” (it-Titolu V, il-Kapitolu 3), fejn jitqies li jkun seħħ servizz ipprovdut minn persuna taxxabli. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, f'każ li skont dawn ir-regoli, il-post tal-provvista tas-servizzi jkun fi Stat Membru, il-provvista tkun soġġetta għall-VAT f'dak l-Istat Membru abbażi tad-Direttiva msemmija hawn fuq u bil-kundizzjonijiet tagħha. Min-naħa l-oħra, jekk il-post tal-provvista tas-servizzi jkun fir-Renju Unit (jew fi kwalunkwe pajjiż terz / territorju ieħor), il-provvista ma tkunx soġġetta għall-VAT tal-UE¹³.

¹⁰ https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/modernising-vat-cross-border-ecommerce_en

¹¹ https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat_en

¹² Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1), minn hawn 'il quddiem imsejħa d-“**Direttiva tal-VAT**”, u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, previsti fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabli mhux stabbiliti fl-Istat Membru tar-rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor, ĠU L 44, 20.2.2008, p. 23.

¹³ L-iskop ta' dan l-Avviż mhuwiex li tingħata ħarsa ġenerali eżawrjenti tar-regoli kollha dwar il-post tal-provvista tas-servizzi għas-servizzi; is-sitwazzjonijiet l-aktar bażiċi u rilevanti huma spjegati. Jista' jkun hemm regoli speċifiċi jew regoli oħra skont it-tip ta' servizz u l-Istati Membri għandhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw, f'ċerti ċirkustanzi, regoli dwar “l-użu effettiv u t-tgawdija” biex ċerti servizzi jitqiesu li seħħew fl-UE jew 'il barra minnha filwaqt li, bir-regoli ġenerali, dawn isseħħu barra mill-UE jew fiha, rispettivament.

Bħala regola, il-provvisti B2B¹⁴ tas-servizzi jseħħu fejn il-klijent jistabbilixxi n-negozju tiegħu. B'din ir-regola, il-provvista tas-servizzi minn negozju tar-Renju Unit¹⁵ għal negozju tal-UE¹⁶ tkun taxxabbli fl-Istat Membru fejn il-klijent ikun stabbilit. Bħala regola, il-klijent ikun responsabbli għall-ħlas tal-VAT dovuta f'dan l-Istat Membru. Il-provvista tas-servizzi minn negozju tal-UE għal negozju tar-Renju Unit titqies li sseħħ barra mill-UE u għaldaqstant mhux taxxabbli skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT.

Bħala regola, il-provvisti B2C¹⁷ tas-servizzi jseħħu fejn il-fornitur jistabbilixxi n-negozju tiegħu. B'din ir-regola, il-provvista tas-servizzi min-negozji tal-UE għal individwi privati fir-Renju Unit tkun taxxabbli fl-Istat Membru fejn il-fornitur ikun stabbilit. Il-provvista tas-servizzi min-negozji tar-Renju Unit għal individwi privati fl-UE titqies, fil-prinċipju, li sseħħ barra mill-UE u għaldaqstant mhux taxxabbli skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT. Madankollu, għal xi servizzi pprovduti min-negozji tar-Renju Unit għal individwi privati fl-UE, il-VAT tkun dovuta fl-UE u tkun pagabbli min-negozji tar-Renju Unit (ara l-punt 1.2 ta' hawn taħt).

Meta negozju tar-Renju Unit ikun responsabbli għall-ħlas tal-VAT dovuta fi Stat Membru, dan l-Istat Membru jkun awtorizzat li jitlob li jinħatar rappreżentant tat-taxxa jekk il-persuna taxxabbli li tipprovdi s-servizzi tkun stabbilita f'pajjiż terz li ma jipprovdi koperazzjoni amministrattiva u assistenza fl-irkupru għall-VAT¹⁸. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dan ir-rekwiżit jista' japplika għal persuni taxxabbli fir-Renju Unit.

1.2. Mini One-Stop Shop (MOSS)

Il-provvisti B2C ta' servizzi elettroniċi, tat-telekomunikazzjoni u tax-xandir normalment jitqiesu li jseħħu fejn il-klijent ikun stabbilit. Jekk il-klijent ikun stabbilit fl-UE, il-fornituri mhux stabbiliti fl-Istat Membru tal-klijent jistgħu jużaw skema speċjali biex jiddikjaraw u jħallsu l-VAT dovuta permezz tal-hekk imsejjaħ Mini One-Stop-Shop (MOSS). Hemm żewġ tipi: l-“iskema tal-Unjoni” għall-fornituri stabbiliti fl-UE¹⁹ u l-“iskema mhux tal-Unjoni” għal dawk li mhumiex stabbiliti fl-UE²⁰. Permezz tal-MOSS il-persuna taxxabbli tista' tippreżenta dikjarazzjoni tal-VAT tal-MOSS għal kull tliet xhur kalendarji, u l-MOSS jippermetti pagament uniku lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni. Dan l-Istat Membru tal-identifikazzjoni jaqsam id-

¹⁴ Minn Negozju għal Negozju.

¹⁵ Negozju stabbilit fir-Renju Unit.

¹⁶ Negozju stabbilit fl-UE.

¹⁷ Minn Negozju għall-Konsumaturi.

¹⁸ L-Artikolu 204 tad-Direttiva tal-VAT.

¹⁹ L-Artikoli minn 369a sa 369k tad-Direttiva tal-VAT (it-Titolu XII, Skemi speċjali, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 3).

²⁰ L-Artikoli minn 358a sa 369 tad-Direttiva tal-VAT (it-Titolu XII, Skemi speċjali, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 2).

dikjarazzjoni tal-VAT tal-MOSS skont l-Istat Membru fejn isir il-konsum u jgħaddi d-dettalji u l-pagamenti korrispondenti lid-diversi Stati Membri fejn isir il-konsum.

Wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, il-fornituri stabbiliti fir-Renju Unit u identifikati fl-“iskema tal-Unjoni” tar-Renju Unit u l-fornituri stabbiliti f’pajjiż terz / territorju u identifikati fl-“iskema mhux tal-Unjoni” tar-Renju Unit li se jkomplu jipprovdu servizzi elettroniċi, tat-telekomunikazzjoni u tax-xandir lill-klijenti fl-UE jkollhom jaqilbu u jużaw l-“iskema mhux tal-Unjoni” f’wieħed mill-Istati Membri. Il-fornituri stabbiliti fir-Renju Unit u identifikati fl-“iskema tal-Unjoni” tar-Renju Unit li huma stabbiliti wkoll fi Stat Membru jenħtieġ li jmxexxu l-identifikazzjoni tagħhom għall-“iskema tal-Unjoni” mir-Renju Unit għal dan l-Istat Membru b’effett minn tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni.

Il-fornituri stabbiliti fl-UE identifikati fl-“iskema tal-Unjoni” ta’ wieħed mill-Istati Membri u l-fornituri stabbiliti f’pajjiż terz / territorju identifikat fl-“iskema mhux tal-Unjoni” ta’ wieħed mill-Istati Membri li jkomplu jipprovdu servizzi elettroniċi, tat-telekomunikazzjoni u tax-xandir lill-klijenti fir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni ma jkunux jistgħu jużaw il-MOSS biex jirrapurtaw u jħallsu ebda VAT li tista’ tkun dovuta fir-Renju Unit. Se jkollhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli fir-Renju Unit.

Ta’ min jinnota li, mill-1 ta’ Lulju 2021²¹, il-MOSS eżistenti jiġi estiż għal One-Stop Shop (OSS) u jkopri, fost affarijiet oħra, provvisti ta’ servizzi B2C oħra li huma taxxabli fl-UE²². Il-fornituri stabbiliti fir-Renju Unit li jipprovdu dawn it-tipi l-oħra ta’ servizzi lill-konsumaturi finali fl-UE jkollhom jużaw l-“iskema mhux tal-Unjoni” u jirreġistraw f’wieħed mill-Istati Membri għal dan l-iskop. Il-fornituri stabbiliti fir-Renju Unit li huma stabbiliti wkoll fi Stat Membru jkollhom jużaw l-“iskema tal-Unjoni” u jirreġistraw f’dan l-Istat Membru għal dan l-iskop²³.

Madankollu, ta’ min ifakkar li, billi l-MOSS/OSS mhuwiex obligatorju, il-fornituri stabbiliti fir-Renju Unit, u li jagħmlu l-provvisti tas-servizzi B2C taxxabli fl-UE, li ma jridux jużaw l-iskema mhux tal-Unjoni, jenħtieġ li jirreġistraw fl-Istati Membri kollha fejn il-VAT hija dovuta.

2. RIFUŻJONIJIET TAL-VAT

Ir-rifużjonijiet tal-VAT mill-Istati Membri għall-persuni taxxabli stabbiliti barra mill-UE huma soġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin²⁴:

²¹ Innota li d-dħul fis-seħħ, li inizjalment kien imbassar għall-1 ta’ Jannar 2021, ġie pospost sal-1 ta’ Lulju 2021 wara l-adozzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1109 tal-20 ta’ Lulju 2020.

²² https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/modernising-vat-cross-border-ecommerce_en

²³ https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/modernising-vat-cross-border-ecommerce_en

²⁴ Għal aktar informazzjoni: https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/eu-vat-rules-topic/vat-refunds_en

- It-talba trid tiġi ppreżentata direttament lill-Istat Membru li minnu tintalab ir-rifużjoni, f'konformità mal-arranġamenti determinati minn dak l-Istat Membru (l-Artikolu 3(1) tat-Tleltax-il Direttiva 86/560/KEE tas-17 ta' Novembru 1986 fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi ta' ċaqliq ta' flus - Arranġamenti għar-rifond tat-taxxa fuq il-valur miżjud lil persuni taxxabli li mhumiex stabbiliti fit-territorju tal-Komunità²⁵ - minn issa 'l quddiem it-“Tleltax-il Direttiva tal-VAT”);
- Ir-rifużjoni tal-VAT tista' tkun soġġetta għal kundizzjoni ta' reċiproċità (li tfisser li r-rifużjoni tkun permessa biss jekk ir-rifużjoni tal-VAT tingħata wkoll mill-pajjiż terz jew territorju lill-persuni taxxabli stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat (l-Artikolu 2(2) tat-Tleltax-il Direttiva tal-VAT);
- Kull Stat Membru jista' jitlob lill-persuna taxxabli stabbilita f'pajjiż terz jew territorju biex tinnomina rappreżentant tat-taxxa biex tikseb ir-rifużjoni tal-VAT (l-Artikolu 2(3) tat-Tleltax-il Direttiva tal-VAT).

Soġġetti għall-Ftehim dwar il-Ħruġ²⁶, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawn ir-regoli japplikaw għar-rifużjonijiet tal-VAT fir-rigward tal-provvisti tas-servizzi, mill-Istati Membri lill-persuni taxxabli stabbiliti fir-Renju Unit.

B. DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI FIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

1. PROVVISTA TA' SERVIZZI

F'konformità mal-Artikolu 51(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-Direttiva tal-VAT tkompli tapplika sa 5 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tal-persuni taxxabli b'rabta mat-tranżazzjonijiet b'element transfruntiera bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri li jkunu saru qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Dan huwa partikolarment rilevanti għad-drittijiet u l-obbligi fir-rigward tal-użu tal-MOSS mill-fornituri mhux tal-UE identifikati fir-Renju Unit, kif ukoll il-fornituri stabbiliti fir-Renju Unit, fir-rigward tas-servizzi elettroniċi, tat-telekomunikazzjoni u tax-xandir ipprovduti fl-Istati Membri, u mill-fornituri mhux tal-UE rreġistrati fl-Istati Membri, kif ukoll il-fornituri stabbiliti fl-Istati Membri, fir-rigward ta' servizzi simili ipprovduti fir-Renju Unit, sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Għaldaqstant, l-obbligu ta' pagament u ta' rapportar fid-Direttiva tal-VAT b'rabta ma' dawn is-servizzi sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jibqa' applikabbli wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għaldaqstant, il-persuni taxxabli rreġistrati għall-MOSS fir-Renju Unit u fl-Istati Membri jkunu responsabbli li jħallsu l-VAT għal dawn is-servizzi u jkollhom jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tal-MOSS għall-aħħar tliet xhur tal-2020 sal-20 ta' Jannar 2021.

²⁵ ĠU L 326, 21.11.1986, p. 40.

²⁶ Ara hawn taħt, il-parti B ta' dan l-Avviż.

Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 51(4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-emendi għad-dikjarazzjonijiet tal-MOSS b'rabta mas-servizzi pprovduti qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jkollhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

L-Artikolu 51(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ huwa pertinenti wkoll għal obbligi oħra ta' rapportar bħad-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi għal, fost affarijiet oħra, servizzi B2B fl-UE. Sa tmiem Jannar 2021, il-persuni taxxabli stabbiliti fir-Renju Unit ikollhom jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxa tar-Renju Unit għal servizzi pprovduti fl-2020 lil persuni taxxabli stabbiliti fl-Istati Membri. Il-persuni taxxabli stabbiliti fi Stat Membru jkollhom jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' dak l-Istat Membru għal servizzi pprovduti fl-2020 lill-persuni taxxabli stabbiliti fir-Renju Unit.

Jenħtieġ li l-persuni taxxabli jieħdu kull pass neċessarju biex jaraw li jkunu jistgħu jipprovdut l-evidenza neċessarja kollha rigward il-provvista ta' servizzi fir-Renju Unit jew fl-UE, jew li jkunu rċevew minnu, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

2. TALBIET GĦAL RIFUŻJONIJIET MARBUTA MAL-VAT IMĦALLSA QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Skont l-Artikolu 51(3) tar-Regolament dwar il-Ħruġ, persuna taxxabli stabbilita f'wieħed mill-Istati Membri jew fir-Renju Unit trid tibqa' tuża l-portal elettroniku provdut mill-Istat fejn hija tkun stabbilita, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/9/KE, biex tippreżenta applikazzjoni elettronika għal rifużjoni marbuta mal-VAT fuq servizzi li tkun tħallset fir-Renju Unit jew fi Stat Membru, rispettivament, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata bil-kundizzjonijiet tad-Direttiva **mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2021**.

Ir-regoli l-oħra previsti fid-Direttiva tal-VAT u fid-Direttiva 2008/9/KE jkomplu japplikaw, sa 5 snin wara tmiem it-tranżizzjoni, għal dawn l-applikazzjonijiet għar-rifużjonijiet u dawk preċedenti marbuta mal-VAT imponibbli²⁷ qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Innota li d-data tal-**31 ta' Marzu 2021** tidderoga mir-regola tas-soltu li l-applikazzjonijiet elettroniċi għar-rifużjoni jistgħu jiġu ppreżentati sat-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja wara l-perjodu għar-rifużjoni.

Il-partijiet ikkonċernati huma mitluba jippreżentaw l-applikazzjonijiet elettroniċi għar-rifużjoni tagħhom fil-ħin.

²⁷ L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2008/9/KE.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni u l-unjoni doganali (https://ec.europa.eu/taxation_customs/index_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali rigward il-konsegwenzi tal-possibilità ta' ħruġ fil-qasam tal-VAT. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali